GUDJA

Addendum għall-minuti tal-għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill illum 19 t'Ottubru 2010.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri; | Anthony Dalli |
| Segretarju Esekuttiv: | | Joseph M. Formosa |

1.0 Tender GLC/05/2010 – Street sweeping of urban roads

Peress li fl-offerta tiegħu s-Sur Gaetano Galea kiteb li ma kienx sejjer jagħti servizz ta' mechanical sweeper saret laqgħa mas-Sur Wilson Mifsud li ta' l-offerta ta' €18290.00 VAT included li minnha għandu jitnaqqas 5% management fee.

Ġie diskuss l-abilita, kompetenza u makkinarju li għandu s-Sur Wilson Mifsud sabiex jaqdi d-dmirijiet tiegħu skond kif semma fl-offerta sabiex jaqdi l-ħtiġijiet tal-Kunsill.

Wara deliberazzjoni sar qbil li l-kuntratt jingħata lis-Sur Wilson Mifsud peress li dan huwa fl-aħjar interess tal-Kunsill Lokali Gudja.

(Fil-preżent il-Kunsill qed iħallas il-fuq minn €19490.00 fis-sena (Vat included) għal dan is-servizz)

Il-kuntratt għandu jingħata b'seħħ mill-01 ta' Novembru 2010.

2.0 Tenders GLC/06/2010 – Upkeep of Public Convenience

Peress li l-aħjar żewġ offerti kienu dawk tas-Sur Christian Galea (€8400) u tas-Sinjura Marica Vassallo (€8700) saret laqgħa b'mod individwali maż-żewġ offerenti.

Ġie diskuss l-abilita' u disponibilta taż-żewġ offerenti sabiex jaqdu d-dmirijiet tagħhom skond kif semmew sabiex jaqdu l-ħtiġijiet tal-Kunsill, fl-offerta. Wara deleberazzjoni speċjalment dwar id-disponibilta rispettiva ta' l-offerenti sar qbil li s-Sinjura Marica Vassallo tkun aktar iffukata li tagħti l-aħjar servizz kif mixtieq mill-Kunsill Lokali Gudja.

Għalhekk sar qbil li l-kuntratt jingħata lis-Sinjura Marica Vassallo għas-somma ta' €8700.00 li jinkludi l-VAT u li minnhom għandhom jitqassmu l-5% managment fee.

(Fil-preżent il-Kunsill qed iħallas il-fuq minn €8200.00 fise-sena għal dan is-servizz)

Il-Kuntratt għandu jkun b'seħħ mill-01 ta' Novembru 2010.

3.0 Tender 07/2010 Bulky Refuse Collection

Saret laqgħa mas-Sur Emmanuel Mizzi li għamel offerta ta' €3.50 (incl VAT) għal kull sejħa iżda għal mhux iżjed minn tlett oġġetti u wara spejgazzjoni dwar il-mod li bih is-Sur Emanuel Mizzi jista jagħqdi l-obligi tiegħu dwar l-offerta tal-Kunsill u wara delebrazzjoni ġie konfermat li l-offerta tas-Sur Emanuel Mizzi hija l-aħjar waħda u fl-aħjar interess tal-Kunsill.

Għalhekk sar qbil li l-kuntratt jingħata lis-Sur Emmanuel Mizzi għal ammont ta' €3.50 (incl VAT) iżda tnaqqas 5% management fee għal kull sejħa minn tlett (3) oġġetti peress li din hija fl-aħjar interess tal-Kunsill. Il-kuntratt jingħata b'seħħ mill-01 ta' Novembru 2010.

(Fil-preżent il-Kunsill qed iħallas €4.10 għal kull sejħa iżda ma hemm ebda limitu ta' kemm jinġabru affarijiet minn kull lok.)

Għeluq

Kif kien miftiehem fil-laqgħa nru 20/6 li saret it-Tnejn 19 t'Ottubru 2010 dawn il-minuti għandhom jiffurmaw bħala addendum uffiċjali mal-minuti tal-laqgħa nru 20/6 u għandu jiġu miftiehem li jiffurmaw parti integrali ma' l-istess minuti.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa<br>Segretarju Esekuttiv | John Mary Calleja<br>Sindku |
| Romeo Baldacchino<br>Viċi-Sindku | Anthony Dalli<br>Kunsillier |

Approvati: _______________